Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)
Imhallef Anthony Ellul
**Appell numru: 506/10**

**Jason Gatt** (appellant)
**Vs**
**Joe Cassar fil-kwalita' tieghu ta' Chief Executive tal-Kunsill Malti ghall-Isport** (appellat)

Il-Gimgha, 29 ta' Lulju 2016.

L-attur harrek lill-konvenut quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghas-somma ta' €3,250, bilanc minn somma akbar rapprezentanti xoghol ta' tikhil fuq il-fil li sar fil-pixxina tal-Qroqq, Msida u liema xoghol kien iktar minn dak li originarjament gie miftiehem fil-kuntratt ta' appalt.

Il-konvenut wiegeb :

1. Il-hlas mhuwiex dovut ghaliex l-attur thallas ghas-saldu ta' dak li kien oggett tal-appalt.
2. Il-konvenut mhuwiex responsabbli li jhallas xoghlijiet iktar minn dawk originarjament pattwiti.
3. Il-hlas zejjed ma jistax isir ghaliex imur kontra d-disposizzjonijiet tal-Public Procurement Regulations li jirregolaw lill-Kunsill Malti ghall-Isport.

B'sentenza tat-22 ta' Jannar 2015, l-ewwel qorti laqat l-eccezzjonijiet u cahdet it-talba tal-appellant.

L-appellant appella mis-sentenza. L-aggravji huma :

1. L-ewwel qorti applikat b'mod hazin ir-regolamenti tal-2005.
2. Ladarba skond l-ewwel qorti l-appellant ma kellux jedd ex contractu, ma kellhiex teskludi l-kuncett ta' arrikkiment indebitu. Ir-relazzjoni guridika tal-appellant hi mal-appellat, li arrikixxa ruhu ghaliex qieghed jiehu beneficcju mix-xoghol li ghamel l-appellant. Jirrizulta wkoll ness bejn ix-xoghol li wettaq l-appellant u l-arrikkiment tal-appellat.

L-appellat ipprezenta twegiba fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell kellu jigi michud.

**<u>Fatti fil-qosor.</u>**

1. L-appellat inkariga lill-appellant sabiex jaghmel xoghol fuq il-faccata tal-bini fin-National Pool Complex, tal-Qroqq, Msida. Xoghol li nghata lill-appellant wara tender.
2. Ix-xoghol kellu jsir fuq kejl superficjali ta' 500 metri kwadri bir-rata ta' €15.84 ghal kull metru kwadru, b'total ta' €7,920.
3. Ix-xoghol sar. Wara li sar il-kejl irrizulta li sar xoghol zejjed b'kejl ta' 205 metri kwadri. L-appellat irrifjuta li jhallas.
4. Bil-proceduri odjerni l-attur talab li l-konvenut, fil-kwalità tieghu ta' Chief Executive tal-Kunsill Malti ghall-Isport, jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' €3,250 jew somma verjuri, bilanc minn somma akbar rapprezentanti xoghol ta' tikhil fuq il-fil li sar fil-pixxina nazzjonali f'Tal-Qroqq, limiti ta' l-Imsida, liema xoghol sar oltre dak originarjament miftiehem f'kuntratt ta' appalt.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

1. **<u>Applikazzjoni hazina tal-ligi, u cioe r-Regolament tal-2005 dwar Kuntratti Pubblici</u>**.

    1.1 L-appellanti jikkontendi kif gej (fol 2):

    *"Illi bid-dovut rispett l-ewwel Qorti tat piz fuq il-fatt illi l-attur kien passiv meta jikkawtela d-drittijiet tieghu fis-sens li ma giex ippruvat li x-xogholijiet zejda kienu awtorizzati mid-Direttur tal-Kuntratti.*

    *Illi dan huwa zbaljat. Minn qari tar-regolament 77 tar-Regolamenti tal-2005 dwar Kuntratti Pubblici li kien in vigore fiz-zmien li sar ix-xoghol in kwistjoni jirrizulta li kull approvazzjoni ghal xi varjazzjoni ghandha tinkiseb mill-Awtorita' kontraenti mid-direttur qabel l-istess awtorita' kompetenti (il-konvenuti) tintrabat mal-kuntrattur.*

    *Illi ghalhekk jirrizulta illi kull ma sar kien nuqqas tal-konvenut minhabba li i) ma kejlux sew, ii) ma ndunawx b'dan l-izball ghalkemm il-Perit tal-konvenut Joe Bugeja kien jaccedi kuljum fuq is-sit jissorvelja u jawtorizza x-xoghol u iii) fil-hin li nstabet id-diskrepanza fil-kejl ma sar xejn mill-konvenut biex tali diskrepanza tigi approvata mid-Direttur tal-Kuntratti. L-attur qua kuntrattur la kellu xi obbligu u lanqas huwa intitolat li javvicina hu lid-Direttur tal-Kuntrattur ghal tali*

*approvazzjoni, dan anke skont ir-regolamenti citati mill-konvenut stess. Anzi huwa bl-ebda mod ma jista' jinvolvi ruhu bejn il-konvenut u d-Direttur tal-Kuntratti. Wara kollox anke l-Ewwel Qorti kkummentat fis-sens illi "il-procedura msemmija fir-regolamenti trid tigi esegwita mill-Awtorita' kontraenti" u mhux mill-attur."*

1.2 L-appellat jirribatti ghal dan l-aggravju billi jissottometti (fol 9):

*"Illi kuntrarjament ghal dak li jikkontendi l-attur appellant, l-Ewwel Onorabbli Qorti bl-ebda mod ma imponiet xi obbligu fuq l-attur appellant li jottjeni l-approvazzjoni tal-varjazzjoni fil-kejl izda kkonkludiet li kien kawza tan-nuqqas tal-istess attur appellat, li kompla ghaddej bix-xogholijiet meta ra li l-kejl kien jeccedi dak miftiehem, li ntalbitx l-approvazzjoni mill-konvenut appellat nomine ghall-varjazzjoni fil-kejl. Huwa umilment sottomess li kien jispetta lill-istess attur appellant, li wara li nghata appalt permezz ta' sejha ghall-offerti, li jgib ghall-attenzjoni tal-konvenut nomine appellat il-fatt li l-inkarigu kien jinvolvi aktar xoghol minn dak appaltat. L-attur appellant ma ressaq ebda prova li huwa gab dan il-fatt ghall-attenzjoni tal-konvenut nomine qabel ma beda jezegwixxi x-xogholijiet u ghaldaqstant ma jistax jippretendi l-hlas tal-varjazzjoni tal-kuntratt, il-kawza tan-nuqqas tieghu, u ma ntalbitx l-approvazzjoni skond id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Kuntratt Pubblici ghalih qabel saru x-xogholijiet.*

*Illi lanqas tressqu provi da parti tal-attur appellant li l-Kunsill Malta ghall-Isport b'xi mod ta l-approvazzjoni tieghu sabiex l-attur appellat jezegwixxi x-xogholijiet zejda."*

1.3 L-ewwel qorti rragunat li skond ir-regolament 77 tar-Regolamenti tal-2005 dwar il-Kuntratti Pubblici,

*"meta l-varjazzjoni fix-xoghol tkun teccedi 5% tal-valur tal-kuntratt in kwistjoni hemm procedura partikolari li ghandha tigi segwita ghall-approvazzjoni ta' dik il-varjazzjoni qabel mal-istess xoghol zejjed jista' jigi ezegwit. Fil-kaz in ezami jirrizulta li x-xoghol zejjed ezegwit mill-attur kien ghall-kejl ta' 205 m2 u huwa qed jippretendi hlas ta' €3,247.20, kalkolat bir-rata ta' €15.84 ghal kull metru kwadru li hjia r-rata pattwita ghax-xoghol tal-fil. Din is-somma pero' teccedi l-5% tal-valur tal-kuntratt, ossia tal-valur ta' €8,083, u ghalhekk il-procedura kontemplata fir-Regolament 77 tar-Regolamenti tal-2005 dwar il-Kuntratti Pubblici appena citata kellha tigi segwita, haga li pero' mill-provi prodotti ma jirrizultax illi saret."*

Il-qorti kompliet tghid li ma tressqitx prova li x-xoghol zejjed li tieghu l-appellant qieghed jitlob il-hlas, gie awtorizzat mid-Direttur tal-Kuntratti qabel ma sar; *"Fil-fehma tal-Qorti din il-prova, ossia jekk x-xoghol zejjed ezegwit mill-attur giex awtorizzat mid-Direttur*

*tal-Kuntratti qabel ma gie ezegwit, hija centrali ghall-kaz in ezami u n-nuqqas taghha serjament jimpingi fuq is-success tat-talba attrici."* Fic-cirkostanzi, l-qorti kkonkludiet li l-appellat m'ghandux jedd li jithallas *ex lege* u wisq inqas *ex contractu*.

1.4 L-ewwel qorti qalet ukoll li gialadarba x-xoghol sar fis-sena 2009, ghall-kaz in ezami kienu japplikaw ir-Regolamenti dwar Kuntratti Pubblici tal-2005 (Avviz Legali 177 tal-2005) u mhux ir-Regolamenti dwar Kuntratti Pubblici tal-2010 (Avviz Legali 296 tal-2010) li dahlu fis-sehh fl-1 ta' Gunju 2010.

1.5 Mill-provi rrizulta li l-kuntratt li nghata lill-appellant ma kienx jeccedi s-somma ta' **ghoxrin elf Maltin (Lm20,000)**. Skond regolament 17:

*"Meta l-valur stmat ta' kuntratt pubbliku ma jeccedix Lm20,000 ghandhom japplikaw **biss** id-disposizzjonijiet rilevanti tat-Taqsima I u t-Taqsima II kollha."*

Skont regolament 2, kuntratt pubbliku tfisser:

*"kuntratt b'interess ta' flus li jsir bil-miktub bejn operatur ekonomiku wiehed jew aktar u **awtorità kontraenti** wahda jew aktar u li jkollu bhala ghan l-esekuzzjoni ta' xoghlijiet, il-provvista ta' prodotti jew il-provvista ta' servizzi kif imfissra f'dan ir-regolament."*

Skont l-istess regolament, Awtorita kontraenti tfisser:

*'.... l-awtoritajiet Statali, regjonali jew lokali, korpi regolati bid-dritt pubbliku, assocjazzjonijiet li gew iffurmati b'xi wahda jew diversi minn dawn l-awtoritajiet jew wiehed jew aktar minn dawn il-korpi regolati bid-dritt pubbliku."*

Il-Kunsill Malti ghall-Isport hi awtorita centrali tal-Gvern (ara Skeda 4 tar-regolamenti) u tikkwalifika bhala awtorita kontraenti[1].

Tant ghall-kuntratt in kwistjoni kien japplika regolament 17, li kien l-appellat li direttament ta l-kuntratt ta' appalt lill-appellant. M'hemmx prova li d-Direttur tal-Kuntratti kien involut fl-ghoti tal-kuntratt. F'dan il-kuntest issir riferenza ghall-ittra tal-4 ta' Dicembru

[1] Ara wkoll Skeda 8 tar-regolamenti.

2008 (fol. 33) li l-Kap Ezekuttiv tal-Kunsill Malti ghall-Isport baghat lill-appellant, fejn infurmah:

*"I therefore, hereby confirm our order for the said works based on the above mentioned submissions and agreements. Works shall be carried out in full compliance with the published tender specifications and conditions."*

1.6 In vista ta' dak li jipprovdi r-regolament 17, ir-regolament numru 77 li fuqu bbazat id-decizjoni l-ewwel qorti, ma japplikax ghall-kaz in ezami ghaliex jinsab fit-Taqsima VIII tar-regolamenti. A bazi tar-regolamenti li fuqhom l-ewwel qorti bbazat id-decizjoni, ghall-kuntratti pubblici li l-valur taghhom ma kienx jaqbez is-somma ta' Lm20,000, kif inhu l-kaz in ezami, kienu japplikaw **biss** ir-regolamenti li hemm f'Taqsima I u Taqsima II. **Ghalhekk ir-regolamenti fit-Taqsima VIII, kif inhu r-regolament 77, huma rrilevanti**. Dan ifisser li l-ewwel qorti ibbazat id-decizjoni fuq regolament li ma kienx japplika ghall-kaz in ezami. Ix-xoghol zejjed li sar mill-appellant ma kienx jehtieg l-awtorizazzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti.

1.7 M'hemmx dubju li l-appellant ghamel xoghol iktar minn dak li kien jipprovdi l-ftehim originali. F'ittra datata 24 ta' Mejju 2010, il-Perit Joseph Bugeja, li kien il-perit inkarigat mill-appellat, kiteb lill-Kap Ezekuttiv:

*"With reference to the above mentioned works done at the scoreboard block please note the following issues:*

- *The quantities claimed by Contractor were measured and agreed on site.*
- *These quantities vary from the awarded contract due to increase of works mainly around the parapet wall, which works were considered necessary for the wholesomeness of the works. The parapet wall was treated on both sides and its area increased significantly.*
- *Other increase in wall areas regarded the side elevations of the block, which areas extended up to and around the steel gates."* (fol. 23).

Minn din l-ittra hu evidenti li x-xoghol zejjed ma sarx fuq inizjattiva tal-kuntrattur imma fuq inkarigu tal-appaltant. F'din l-ittra l-perit ikkonferma li x-xoghol zejjed kien mehtieg li jsir. Tant dan hu minnu li l-appellat stess xehed: *"........l-perit tal-kunsill kien jinzel darba iva u darba le."* (fol. 24). Prova li m'hijiex kontradetta. Dan apparti li m'hemmx prova li waqt l-andament tax-xoghol zejjed li sar, xi ufficjal tal-appellat waqqaf lill-appellant milli jkompli bix-xoghol. Hu veru li l-perit Bugeja xehed: *"Jien m'awtorizzajt l-ebda*

*metragg zejjed, jiena kont biss inkarigat bhala perit u koordinatur tax-xoghlijiet kien hemm haddiehor."* (fol. 27). Madankollu mill-ittra tal-perit Bugeja hu altru milli evidenti li x-xoghol zejjed kien gie awtorizzat mill-Kunsill Malti ghall-Isport, tant hu hekk li fiha jinghad li x-xoghol kien necessarju li jsir u fl-ebda parti mill-ittra ma jinghad li x-xoghol li ghamel l-appaltatur ma kienx awtorizzat li jaghmlu. Dan apparti li mhuwiex verosimili li l-kuntrattur jaqbad u jaghmel iktar xoghol milli kellu jaghmel, minghajr qabel ma jkun inghata direzzjoni mill-appaltant. Sahansitra, l-perit Bugeja stess ikkonferma li x-xoghol li ghamel l-appellant gie mkejjel u kien hemm qbil dwaru on site. Indizju iehor li jsahhah il-fehma tal-qorti li l-appaltatur gie ordnat jaghmel ix-xoghol zejjed u mhux ghamlu minn jeddu.

1.8 Gialadarba ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-appell tal-appellant hu gustifikat, m'hemmx htiega li jigi kkunsidrat it-tieni aggravju.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Jannar 2015, u minflok:**

1. **Tichad l-eccezzjonijiet tal-appellat.**
2. **Tilqa' t-talba tal-appellant u tikkundanna lill-appellat ihallasu s-somma ta' tlett elef mitejn u hamsin ewro (€3,250), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza.**
3. **Spejjez tal-prim'istanza u tal-appell a karigu tal-appellat**.

Anthony Ellul.